# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  830/89 H1 NA**

**Mark Anthony Amato**

**vs**

**Charles Spagnol u b'digriet tal-21 ta' Novembru 1989 gie kjamat fil-kawza Albert Howard**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li giet ipprezentata fl-10 ta' Awissu 1989 fejn ippremetta:

"Illi fid-29 ta' Mejju 1989 go St. Anthony Street, M'Scala ghall-habta tas-7.00 p.m. waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura

A-8185, hareg ghall-gharrieda minn go ghalqa ghal got-triq ziemel, wahdu u minghajr hadd jiggwidah, u habat ghal fuq il-karozza ta' l-attur u kkawzalu d-danni;

Illi fil-hin ta' l-incident dan iz-ziemel kien taht idejn il-konvenut;

Illi ghall-incident u danni konsegwenzjali jahti l-istess konvenut li wera negligenza u traskuragini u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti;

TALAB li din il-Qorti:

1. tikkundanna l-konvenut responsabbli ghall-incident stradali;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur okkorrendo anke permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-4 ta' Ottubru 1989 fejn eccepixxa:

1. “L-intempestivita' ta' l-azzjoni peress illi huwa qatt ma gie interpellat ihallas id-danni lill-attur;

2. Illi ghandhom jissejhu fil-kawza l-proprietarji taz-ziemel, is-Sinjuri Howard peress illi huma l-persuni responsabbli ghad-danni kkawzati miz-ziemel;

3. Il-konvenut ma kienx qed jaghmel uzu miz-ziemel u ma hux responsabbli ghad-danni;

4. Il-konvenut kien qed juza l-prudenza necessarja sakemm kellu f'idejh iz-ziemel.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu.

Fil-21 ta' Novembru 1989 il-konvenut talab il-kjamata in kawza ta' Albert Howard u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza pprezentata fil-11 ta' Mejju 1990 fejn eccepixxa:

1. “Illi fil-konfront tieghu d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi hu ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tieghu.

Fis-6 ta' Gunju 1990 gie nominat l-Avukat Dottor Gotthard Gauci bhala Perit Legali. Fit-2 ta' Settembru 1990 gie sostitwit bl-Avukat Dottor Tonio Mallia.

Fit-18 ta' Mejju 1995 giet ipprezentata nota ta' osservazzjonijiet mill-konvenut Charles Spagnol fejn gie sottomess illi huwa w il-konvenut Howard kellhom relazzjoni amikevoli u l-konvenut Spagnol kien forna lok fejn jinzamm iz-ziemel tal-konvenut Howard. L-esponent kien avza lill-

konvenut Howard sabiex jikkura z-ziemel. Minkejja dan il-konvenut Howard kien qed jittraskura z-ziemel. Bhala sinjal ta' hbiberija kien, meta jista', jikkura z-ziemel l-esponent, minghajr awtorizzazzjoni ghaliex Howard u martu kienu jafu b'dan u kien hemm relazzjoni ta' hbiberija. Dan inghad sabiex isostni illi l-esponent ma kienx qed jaghmel uzu miz-ziemel izda jikkurah bil-kunsens konseapevoli tal-konvenut Howard.

L-Artikolu tal-ligi jghid illi huwa responsabbli ghad-danni kkawzati minn annimal, sidu jew dik il-persuna li tkun qed taghmel uzu minnu, ghaz-zmien li tkun qed taghmel uzu minnu, sew jekk ghax jinsab taht idejhom sew jekk ikun intilef jew harab.

Saret riferenza ghall-kawza "G. Giorgi vs G. Grech" deciza fit-28 ta' Novembru 1921 mill-Qorti ta' l-Appell Civili (a fol. 91) u "Rogerson vs Dowling" fil-11 ta' Gunju 1906 mill-Qorti ta' l-Appell (a fol. 91) u "Zammit vs Axisa" fis-17 ta' Marzu 1921 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (a fol. 91) u "R. Zammit Pace vs Carmelo Vella" fil-31 ta' Ottubru 1991 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (a fol. 92).

Jirrizulta mill-kaz illi Spagnol ma kienx qed jaghmel uzu miz-ziemel tal-konvenut Howard, imma kien qed jehodlu hsiebu. Howard kien jaf b'dan specjalment ghaliex Howard kien joqghod vicin l-istalla.

Ghalhekk Spagnol ma ghandu l-ebda responsabbilta' legali ghad-danni kkawzati miz-ziemel ta' Howard u dana peress illi ma kienx il-proprietarju tieghu u ma kienx qed jaghmel uzu minnu.  Il-kawza ta' l-incident, dak li gieghel liz-ziemel jisfratta kienet xi haga ghal kollox barranija mill-agir tal-konvenut Spagnol..  Kienet xi haga istantaneja li kkawzat liz-ziemel xi ugiegh illi mhabba fiha sfratta u harab minn taht idejn Spagnol.

Fl-24 ta' Novembru 1995 giet ipprezentata nota ta' osservazzjonijiet mill-attur fejn jinghad illi l-attur ma kellu ebda responsabbilta', lanqas minimament ghall-akkadut.  Iz-ziemel, proprjeta' tal-konvenut Howard, kien f'idejn il-konvenut Spagnol u fl-ghalqa tieghu meta sehh l-incident.  Spagnol ammetta illi kellu esperjenza ma' l-annimali.  Kien nuqqas kbir illi Spagnol halla l-bieb tal-ghalqa tieghu miftuha.  Jirrizulta illi Spagnol kellu l-kontroll effettiv ta' dan iz-ziemel fuq bazi

kontinwa u regolarissima; tant illi ma kellu bzonn ebda permess mis-sid biex jiehdu gewwa l-ghalqa tieghu. Spagnol kien jaghmel uzu miz-ziemel aktar mis-sid. Spagnol ma jistax jigi ezonerat minn kull responsabbilta' meta kien hu li kellu l-kontroll u l-kura kostanti taz-ziemel.

L-attur ighid illi "Giorgio vs Grech" u "Rogerson vs Dowling" imsemmija fin-nota tal-konvenut Spagnol huma rrilevanti ghal kaz *de quo*. "Zammit vs Axisa" jikkoncerna annimal ghall-garr. "Zammit Pace vs Vella" tirreferi ghall-kustodja temporanja taz-ziemel. Spagnol kellu z-ziemel f'idejh regolarment u kontinwament. "Uzu" fil-kaz ta' dan iz-ziemel, mhux tat-tigrija jew ta' garr jew Riding School, ifisser illi jiehu hsiebu fl-ghalqa tieghu bla permess tas-sid, jaghtih jiekol, inaddfu u johorgu.

Spagnol kellu l-uzu effetiv ta' dan iz-ziemel u huwa ghandu jwiegeb ghad-danni.

Fit-28 ta' Frar 1996 il-Perit Legali Dr. Tonio Mallia pprezenta r-relazzjoni tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali</u>**

(a) Artikolu 1083 tal-Kodici Civili ma jimponix responsabbilta' oggetiva jew *jures et de jure* fuq is-sid ta' l-annimal. "Farrugia vs Calleja" tat-28 ta' Frar 1968 mill-Qorti ta' l-Appell (a fol. 111) u "Mallia vs Xuereb Montebello" tal-10 ta' Jannar 1964 mill-Qorti ta' l-Appell ( a fol. 111) u Ricci "Diritto Civili" (Vol. VI p.141) (a fol. 111) u Laurent (Vol. 20, Titolo III Della Responsabbilita') (a fol. 111).

Jekk il-konvenut irid jiskolpa ruhhu, huwa jrid jipprova l-forza maggura jew il-kaz fortuwitu.

(b) Min huma responsabbli - s-sid jew dak li kellu uzu tieghu: r-responsabbilta' mhux kumulattiva imma alternattiva. "Zammit Pace vs Vella" tal-31 ta' Ottubru 1991 tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (a fol. 112). Meta l-uzu ta' l-annimal ikun semplicement ghad-delizzju jew namra, anke f'dan il-kaz ikun ghas-servizz tal-bniedem li jkun qed juzah u ghalhekk ikun responsabbli ghall-hsara ikkawzata;

(c) L-attur ghandu jigi mehlus minn kull responsabbilita'. Il-kawza unika ta' l-incident hija l-isfrattar ta' l-annimal, liema

incident ghalhekk iridu jwiegbu s-sid jew il-persuna li kienet qed tuzah (salv id-difiza tal-kaz fortuwitu jew forza maggura);

(d) Fil-hin ta' l-incident iz-ziemel kien f'idejn Spagnol. Il-kjamat fil-kawza Howard ighid illi Spagnol ma kellu x'jaqsam xejn maz-ziemel, hlief li pprovda post fejn Howard seta' jzommu; dak in-nhar ta' l-incident, Spagnol hareg iz-ziemel minghajr il-permess tas-sid. Il-konvenut Spagnol ighid li hu kien jiehu hsieb iz-ziemel ghal Howard bil-permess tas-Sinjura Howard (li ma xehdet qatt). (Il-kjamat Howard ipprezenta affidavit u ma xehedx *viva voce* lanqas kontro-ezami ma sarlu);

(e) Il-Perit Legali hass li l-konvenut Spagnol jidher bniedem kredibbli w ir-relazzjoni li spjega tidher plawsibbli u reali. Spagnol kellu "uzu" taz-ziemel. "Zammit vs Axisa" tas-17 ta' Marzu 1921 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (a fol. 114); "Zammit Pace noe vs Vella" ghandha tigi segwita ghax titfa' r-responsabbilita' ghall-hsara ta' annimal fuq dik il-persuna li, f'dak il-mument ta' l-incident, l-annimal ikun fis-servizz taghha (mhux f'idejn min jew kustodja ta' l-annimal - izda servizz);

(f) Ma jidhirx li l-annimal qatt kien fis-servizz tal-konvenut Spagnol. Spagnol kien jiehu hsiebu pero' ghan-nom u ghall-beneficcju tas-sid; ma kellux uzu esklussiv jew ghat-tul ta' zmien. Kien jitimghu, jnaddfu u jaghtih ezercizzju pero' qatt fl-interess tieghu. Dan ma jirrendihx responsabbli fil-konfront tat-terz (bhal stable boy). Howard baqa' responsabbli ghaz-ziemel avolja z-ziemel kien fil-kustodja tal-konvenut Spagnol. Spagnol kien biss rapprezentant tas-sid;

(g) Huwa dmir tas-sid li jipprevedi ghall-agir mhux normali ta' l-annimal. Is-sid ma jidher li ha ebda pass biex jassigura li dan iz-ziemel ma jkunx ta' perikolu. Ma gietx ippruvata l-forza maggura u kwindi s-sid taz-ziemel kien responsabbli ghall-incident;

(h) Ma jirrizultax li l-konvenut ghamel xi haga straordinajra jew kien inkompetenti biex sfratta z-ziemel. Anke jekk kien inkompetenti daqstant iehor s-sid ghandu jinzamm responsabbli jekk javda annimal f'idejn persuna inkompetenti. "Naudi vs Schembri" tat-13 ta' Mejju 1991 mill-Qorti ta' l-Appell (a fol. 116);

(i) Is-sid taz-ziemel jidher li originarjament kien Howard, li xtrah biex jaghtih rigal lill-martu. Fid-dikjarazzjoni tieghu jghid "huwa kellu ziemel"; l-istess Howard accetta li jikkontesta l-kawza bhala "sid" taz-ziemel.

**<u>Likwidazzjoni ta' Danni</u>**

L-attur jikkwantifika d-danni fl-ammont ta' Lm341.00 li gie kkonfermat bil-gurament u korroborat bl-ircevuti u ma giex ikkontestat. Din is-somma hi gustifikata u ghandha tigi accettata bhala l-ammont ta' danni sofferti mill-attur.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghal zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom, kemm jekk ikun intilef jew harab.*"

Jidher minn dan l-Artikolu illi r-responsabbilita' principali ghall-hsara kkagunata minn annimal huwa fuq is-sid ta' l-annimal, sakemm ma jkunx hemm persuna ohra li qed taghmel uzu mill-istess annimal. L-uzu ghandu jigi interpretat fis-sens normali tal-kelma b'tali mod illi min bi pjacir izomm annimal ghal haddiehor u mhux biex jinqeda bih huwa stess ma jistax jinghad illi qed jaghmel uzu minnu. Il-konkluzzjonijiet, ghalhekk, li wasal ghalihom il-Perit Legali jidhru li huma l-aktar konsiderazzjonijiet accettabbli u sejrin jigu adottati mill-Qorti. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti ftit tista' zzid mal-konkluzzjoni peritali peress illi d-danni reklamati gew ippruvati skond il-ligi.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront pero' tal-konvenut kjamat-fil-kawza Howard u:

1. tiddikjara lil dan il-konvenut responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-att tac-citazzjoni;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm341);

3. tikkundanna lill-konvenut kjamat-fil-kawza Howard ihallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati u dana bl-ispejjez kollha tal-kawza filwaqt illi l-imghax legali jiddekorri biss millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.